MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Talba Numru. 67/2012

**GO p.l.c. [C-22334]**

**vs**

**Ryan MIZZI**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta attrici fit-30 ta' Jannar, 2012** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand il-konvenut, tas-somma ta' elf tlett mija u hdax-il euro u tlieta u sittin centezmi ta' euro (€1,311.63) u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta attrici s-somma ta' elf tlett mija u hdax-il euro u tlieta u sittin centezmu (€1311.63) in konnessjoni ma' Bundle Service Agreement Home Pack 42 (AC40151708), u li jinkludi telefon 21633248; servizz ta' televizjoni 1425111213 u 1425111214 u servizz ta' ADSL.

Illi nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-imghax u bl-ispejjez”.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna wara li giet segwita l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skond il-ligi, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar l-14 ta’ Gunju, 2012, nhar il-25 ta’ Gunju, 2012 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta mizmuma quddiemu nhar il-25 ta’ Gunju, 2012 u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher illum sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ elf tlett mija u hdax-il euro u tlieta u sittin centezmi ta’ euro (€1,311.63), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------